**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 14**
**Rik. Gur. Nru. 73/2020 JZM**

**Michael Cutajar (i.d. 610464M) f`ismu proprju u ghan-nom ta` ohtu Mary Rose Bristow (i.d. 135271M) imsiefra minn Malta u residenti l-Awstralja; Marjohn Cutajar (i.d. 510672M) f`ismu proprju u bhala direttur ta` S.C & Company Limited (C6050); Joseph Mary Cutajar (i.d. 467966M) f`ismu proprju u ghan-nom ta` ommu Leonarda Cutajar (i.d. 410141M); u Leonard Cutajar (i.d. 474767M) f`ismu proprju u bhala direttur ta` S.C & Company Limited (C6050) u ghan-nom ta` ommu Leonarda Cutajar, u l-istess S.C & Company Limited (C6050).**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezenta Salvatore Cutajar (K.I. Nru. 375142M) fl-20 ta` Novembru 2020 fejn talab li jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.***

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Salvatore Cutajar.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Novembru 2020.

Rat ir-risposta li pprezenta l-konvenut fit-18 ta` Dicembru 2020, fejn iddikjara li ma kienx ser jopponi l-intervent fil-kawza ta` Salvatore Cutajar, fil-kaz li l-qorti jidhrilha li jkun gust u xieraq skont ic-cirkostanzi u l-fatti partikolari tal-kaz li tippermetti li r-rikorrent jintervjeni fil-kawza.

Rat ir-risposta prezentata mill-atturi fil-21 ta` Dicembru 2020 fejn, ghar-ragunijiet li ssemmew, opponew it-talba.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` Jannar 2021.

Semghet sottomissjonijiert fl-udjenza tal-kawza li saret fit-28 ta` Jannar 2021.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza sal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrent qieghed jitlob li jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* u li jipprezenta risposta guramentata. Il-qorti trid tistharreg jekk humiex bizzejjed ir-ragunijiet li gab ir-rikorrent sabiex jiggustifika t-talbiet tieghu.

Fil-qosor, ir-ragunijiet tar-rikorrent huma :–

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma mpernjati fuq it-tnehhija tieghu minn direttur tal-kumpannija S.C. & Company Limited ("il-kumpannija") u l-allegat rifjut tal-konvenut milli jirregistra t-tnehhija.

2. Illi ladarba huwa ghadu direttur, ghandu nteress guridiku li jikkontesta l-pretensjoni tal-atturi li l-konvenut agixxa hazin meta rrifjuta li jirregistra t-tnehhija.

3. Illi zewg azzjonisti ohra, Carmelo Maria Cutajar u Saviour Mary Cutajar, ghandhom ikunu fil-kawza, sabiex il-gudizzju jkun integru.

Tghid mill-ewwel li t-tielet raguni hija nsostenibbli ghall-fini ta` dan il-procediment ghaliex jekk iz-zewg azzjonisti koncernati ghandhom xi interess fil-kawza odjerna, it-turija ta` dak l-interess ghandu jispetta lilhom, u ghandu jkun espress minnhom. Eventwali interess m`ghandux ikun espress tramite ir-rikorrent.

L-argument ewlieni tal-atturi li bih qed ikun oppost l-intervent fil-kawza ta` Salvatore Cutajar huwa fil-kawza odjerna, il-kwistjoni li ghandhom mhijiex mar-rikorrent, izda mal-konvenut li, ghax sar jaf li hemm disgwid bejn l-atturi u Salvatore Cutajar, irrifjuta li jirregistra t-tnehhija tieghu minn direttur.

**Ikkunsidrat :**

L-istitut ta` l-intervent f`kawza *in statu et terminis* huwa regolat fil-ligi taghna bl-**<u>Art 960 tal-Kap 12</u>** li jiddisponi hekk :-

*"Kull min juri b`sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa ghandu interess f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista` fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f`kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta` l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta` Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".*

Mill-kontenut ta` din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` lil parti jekk turi - ghas-sodisfazzjon tal-qorti - li ghandha interess tindahal f`kawza li tkun ghaddejja bejn partijiet ohra, tinghata l-possibilita` li tkun ammessa - sahansitra fl-istadju tal-appell – illi tippartecipa anke attivament fil-procediment bejn il-partijiet l-ohra.

F`dan l-istadju, mid-disposizzjoni citata, il-qorti tissenjala zewg elementi partikolari : fl-ewwel lok, l-"*interess*" ; u fit-tieni lok, is-"sodisfazzjon tal-qorti".

Dment li l-procediment ikun kawza, il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn tipi ta` kawzi sabiex issir talba ghal intervent *in statu et terminis.* Dak li certament il-ligi tesigi huwa li l-parti li taghmel it-talba jkollha **<u>interess</u>** li tintervjeni.

**Ikkunsidrat :**

Il-**<u>Mortara</u>** fil-"*Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile*" – 1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

*" … puo` trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e` piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"*

**Enrico Tullio Liebman** fil-pag 151 tal-"*Manuale di Dir. Proc. Civile*" – 1957 ighid hekk :-

*"La ragione pratica dell` istituto e` data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all`esito del medesimo".*

Irid jinghad illi l-Qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni miftuha ghall-istitut tal-intervent *in statu et terminis.*

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta [Onor. Imhallef Luigi Ganado] fit-23 ta` November 1898 fil-kawza "**Stepton vs Spiteri**" nghad hekk –

*"E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte …*

*"L` istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente*

*ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".*

**Fuq l-iskorta tal-premess, din il-qorti tghid illi <u>l-interess</u> mehtieg sabiex persuna titlob skont l-Art 960 tal-Kap 12 illi tintervjeni f`kawza li tkun ghaddejja bejn haddiehor irid ikun interess guridiku, u cioe` interess <u>sostanzjali</u> u <u>dirett</u> fil-kawza, mhux semplicement interess fl-ezitu ta` dik il-kawza, bil-hsieb li dak l-ezitu jista` talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f`kawzi ohra. Ghalhekk tirnexxi talba minn persuna li tkun trid tintervjeni f`kawza jekk l-iskop wara l-intervent taghha jkun sabiex tipprotegi l-interessi taghha <u>f`dik il-kawza partikolari mhux f`kawza jew f`kawzi ohra li talvolta jistghu jigu ntavolati</u>.**

**Ikkunsidrat :**

Wara li hadet konjizzjoni tal-atti tar-rikors odjern, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri, u wara li qieset l-atti tal-kawza bejn il-partijiet, il-qorti hija sodisfatta li r-rikorrent ghandu l-interess rikjest sabiex jitlob li jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.* Ghal din il-qorti huwa evidenti li l-iskop <u>dikjarat</u> tar-rikorrent huwa li jipprotegi l-interess tieghu f`din il-kawza mit-talbiet li l-atturi qeghdin iressqu kontra l-konvenut, <u>mhux</u> xi interess iehor li jista` jkollu f`kawza jew f`kawzi ohra li talvolta jistghu jigu ntavolati. Tqis l-interess tar-rikorrent bhala sostanzjali u dirett ghaliex hija tal-fehma li r-rikorrent jista` jigi effettwat jew addirittura pregudikat fil-kaz li l-esitu tad-decizjoni fil-kawza tal-lum bejn il-partijiet ikollha effett sfavorevoli ghalih.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors ta` Salvatore Cutajar prezentat fl-20 ta` Novembru 2020**

**billi ghar-rigward tal-ewwel talba qeghda tawtorizza lill-istess Salvatore Cutajar sabiex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* u ghar-rigward tat-tieni talba qeghda taghti zmien ghoxrin (20) jum mil-lum lill-istess Salvatore Cutajar sabiex jipprezenta risposta guramentata. L-ispejjez relatati ma` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**